Tribunal Industrijali

Decizzjoni Numru 2296

Kaz Numru 2886/ MF

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

Bejn

Dennis Farrugia

U

The Westn Dragonara
Resort

Dwar tkeccija mill-impjieg
allegata li hija ngusta

Illum 7ta' ~~Gunju~~ Lulju 2014

Chairman: Dr. Martin Fenech LL.D. Dip. Adv. Eur. Stud. (Bruges)

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali wara rikors ta' Dennis Farrugia datat 18 ta' Marzu 2011 mibghuta lit-Tribunal Industrijali mill-Avukat Dr. Sarah Sultana li bghatet dan ir-rikors ghan-nom ta' Dennis Farrugia fejn talab li dan il-kaz jinstema' quddiem it-Tribunal Industrijali u jigi deciz li t-tkecciaja kienet ingusta.

Mr Dennis Farrugia maghruf bhala l-appellant kien assistit mill-Avukat Dr. Sarah Sultana u ghall-Kumpanija Westin Dragonara Resort deheret Ms Michelle Fenech Suguna assistita minn Dr. Andrew borg Cardona.

**Dikjarazzjonijiet tal-Kaz**

Fl-istqarrija tal-kaz l-appellant ddikjara li kien jahdem mal-kumpanija The Westin Dragonara Resort bhala Food and Beverages Server.u gie imkecci ingustament.

Is-socjeta fl-istqarrija taghha qalet li t-terminazzjoni tal-impjeig ta' Dennis Farrugia kien ta r-rizenja tieghu u apparti dan kien hem bizzejjed ragunijiet u sufficjenti skond il-Ligi sabiex jitkecca.

**PROVI**

Quddiem it-Tribunal Industrijali gew imressqa diversi provi. Xehed Karmenu Vella bhala waiter u eventwalment bhala supervisor fejn qal li Dennis Farrugia kien igib ruhu hazin billi kien ighajjat isabbat mieghu u pero baqa fl-impjieg u gie sospiz. L-appellant ukoll gie mitkellem diversi drabi. Ix-xhud jirrakonta fuq gurnata wahda fejn kien hem insistenza li l-breakfast ikun lest kmieni aktar mis-soltu u xorta bdew tard.

Xehed Charlo Xuereb li huwa r-restaurant manager i Joseph Caruana il-Human Resource Manager ta' Eden Leisure Group Limited fejn iddikjara illi kellu informazzjoni li Michael Zahra kien qieghed jahdem f'Hotel kompetitrici meta kien qieghed jirraporta "sick"u bghat tlett impjegati sabiex jikkonfermaw dan il-fatt liema impjegati ikkonfermaw li rawh jahdem f'din il-Hotel. Wara dan l-incident bghat ghalih fejn spjegalu dak li gara u wara ftit l-istess Michael Zahra accetta sabiex jirrizenja u b'hekk kitiblu l-ittra tar-rizenja.

Xehedet Michelle Fenech Seguna f ejn iddikjarat li hi ittajpjat l-ittra tar-rizenja ta' Dennis Farrugia u dan ghax talabha hu. Qalet ukoll li inghata diversi warnings tul is-snin tax-xogghol tieghu. Fil-kontro-ezami hareg li kellu problem ma kollegi ohra.

Xehed in kontro-ezami Carmelo Micallef fid-dettal li kien is-supervisor ta' Dennis Farrugia fejn gew kkonfermati certi fatti.

Xehed Dennis Farrugia fejn speja li kien waiter u kien ilu hemm ghal-ghaxar snin , Spjega li l-warnings ma kinux gustifikati u ta r-raguni ukoll.

Xehed Joseph Farrugia li kien jahdem il-Westin Dragonara ghal tmien snin u jghid li kien jahdem ma Dennis Farrugia fejn qal li qatt ma kellu problem mieghu. Jghid li ma kienx isib kooperazzjoni .

DennisFarrugia gie ukoll kontro-ezaminat.

## KUNSIDERAZZJONIJIET

It-Tribunal ikkonsidera diversi aspetti ta' dan il-kaz u jibda' biex jghid li hemm kwazi zewg verzjonijiet kemm xejn opposti dik tal-managemnet fejn pingew lill-appellant bhala bniedem mhux tajjab ghax xoghol moghti lilu u l-verzjoni tal-appellanet li minkejja lli kien jipprova jaghmel minn kollox kien isib hafna x'kiel.

It-Tribunal ghalhekk irid jistrieh fuq verzjonijiet ta' terzi persuni biex iqarreb lejn il-verita u jibda biex jghid illi isibha difficili jemm lill-appellant u dan minhabba  d-dversi warnings li kien jircievi kif ukoll minhabba d-diversi ilmenti li kien hemm fuqu. L-attitudini tieghu kienet kemm xejn negattiva u ma kienx jispira dik il-fiducja. Kullhadd jaf li l-Westin Dragona hija hotel ta' hames stillel u wiehed jippretendi lli jkollu servizz ta' hames stillel inkluz l-attitudini tal-impjegati ghandu jkun iwehed posittiv li f'dan il-kaz kien kemm xejn nieqes.

It-Tribunal jemmen li Dennis Farrugia seta' jgib ruhu ahajr u inghata diversi opportunitjiet sabiex jirranga l-attitudini tieghu fuq ix-xoghol. Hafna incidenti zgur li ma jwassalx ghal relazzjoni tajba fuq il-post tax-xoghol anki jekk l-incidenti huwa zghar.

## Decizzjoni

It-Tribunal Industrjali wara li kkunsidera l-istatements u s-sottomissjonijiet tal-partijiet ikkoncernati ra u ezamina d-dokumenti ezebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotti, u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz jiddikjara li s-socjeta The Westin Dragonara Resort kien gustifikat li jkecci lill-Dennis Farrugia mix-xoghol tieghu.

Ghaldaqstant it-Tribunal Industrijali jiddeciedu billi jichad dan l-Appell bl-ispejjes jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet

Għall-finijiet ta' L-Avviż Legali 48 tal-1986 jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' erbgħin Lira Maltin (LM40).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

(iffirmat)
Dr. Martin Fenech
Chairman

VERA KOPJA

Graziella Spiteri
Għas-Segretarju